# 10. “NIBGHATEK FID-DINJA KOLLHA”




Fil-kuvent ta’ Krakovja, Swor Fawstina rceviet il-bqija tal-missjoni profetika. F’Ottubru tas-sena 1937 Gesu’ taha forma ohra ta’ qima lejn il-Hniena Divina. Talabha li zzomm quddiem il-menti taghha il-mument tal-Mewt tieghu fuq is-salib u tadurah. Fid-Djarju taghha ( 1320) Swor Fawstina tikteb li: *Fit-3 ta’ wara nofsinhar, itlob lill-Hniena Tieghi specjalment ghall-midimbin. U anke ghall-mument wiehed biss qasir, itlaq lilek innifsek fit-tbatijiet tieghi, partikolarment fl-abbandun tieghi waqt l-agunija. Din hija s-siegha ta’ l-akbar hniena ghad-dinja kollha*.

Fid-dehra ta’ wara Gesu’ taha dettalji ghal dan it-tip ta’ qima. Talab lil Swor Fawstina biex titlob bil-Via Sagra fis-siegha tal-Mewt Tieghu, imma jekk id-dover taghha kien ifixkilha li taghmel dan, hija kellha biss tigi fil-kappella ghall-mument qasir ta’ talb quddiem Gesu’ Sagrament u anke jekk dan ma setghax taghmlu kellha tingabar ghal ftit mumenti fit-talb tkun fejn tkun.

Bit-talba tat-tlieta ta'wara nofsinhar mghaqqda mal-merti tal-Passjoni Tieghu hemm weghda li jinghataw grazzji lil dawk li jghidu din it-talba u anke ghal dawk li ghalihom tkun intenzjonata, basta l-grazzji mitluba jkunu jaqblu mar-rieda ta' Alla. F'din is-siegha wiehed jista' jakkwista kollox ghalih innifsu u ghall-proxxmu tieghu. Gesu' assigura lil Swor Fawstina li dan il-hin tkun s-siegha tal-grazzja ghad-dinja kollha – *il-hniena titriomfa fuq il-gustizzja* (Djarju 1572).

Swor Fawstina baqghet izzomm kollox miktub fid-djarju taghha gewwa Krakovja mhux biss dak li kien jghidilha Gesu' u l-esperjenzi mistici taghha, imma noti ohra fuq il-komtemplazzjoni fuq il-misteru tal-Hniena Divina. Marda li giet fuqha u damet tmien xhur kien zmien tajjeb biex tikteb, u parti kbira mill-kitbiet spiritwali taghha kienu miktuba gewwa Krakovja.

It-talba ta' Gesu' li Swor Fawstina kellha tipproklama lid-dinja l-Hniena Tieghu tidher bosta drabi fid-djarju taghha. Kienet ezortazzjoni li bosta drabi Swor Fawstina semghet u semghet: *Ikteb dawn il-kelmiet….ghid lid-dinja fuq il-Hniena tieghi u l-Imhabba tieghi ghall-bnedmin. Il-fjammi tal-Hniena tieghi iheggu gewwa fija. Nixtieq li nxerridhom fuq l-erwieh tal-bnedmin. Kemm jikkagunawli pwieni meta ma jkunx iridu jaccetawhom! Binti, aghmel li tista' biex ixxandar il-Hniena Tieghi, Jiena nghinek fejn inti turi nuqqas ta' hila. Ghid lil bniedem dghajjef biex jersaq lejn il-Qalb Hanina Tieghi u jiena mimliha bil-paci. Ghid lin-nies, binti li jiena Imhabba u Hniena.* (Djarju 1074)

Dan ix-xoghol kien ta' importanza specjali ghaliex Gesu' ghaqqad il-weghdiet kbar tieghu Mieghu. Qalilha: *"Dawk l-erwieh li jxerrdu il-Hniena Divina tieghi, jiena nharishom hajjithom kollha bhalma omm thares lit-tarbija taghha u fis-siegha tal-mewt taghhom jiena ma nkunx imhallef ghalihom, imma Salvatur ta' Hniena.* (Djarju 1075)" Huwa

weighed lis-sacerdoti grazzji specjali meta dawn jippridkaw l-imhabba mimlija hniena ta’ Alla lejn l-umanita’. Huwa jbierek kliemhom u jimliehom b’daqshekk qawwa li anke l-aktar midneb ta’ qalb iebsa jaghmel indiema. Swor Fawstina temmet din il-missjoni mhux biss bix-xiehda ta’ hajjitha u l-kitba tad-djarju taghha, izda wkoll bir-relazzjonijiet taghha ma’ dawk ta’ madwarha.

“Jum wiehed”, Swor Eufemia Traczyńska tirrakonta,” meta konna qed inqaxxru t-tuffieh Swor Fawstina dahlet fil-kamra. Konna bilqieghda fuq bank, giet minn wara u dawret dirghajha ma’ spallejna u rasha qeghditha bejn rasna. Swor Amelia, li kellha kuxjenza sensitiva qaltilha: “Swor, kif inhi din, li inti tant tipprova, u matul il-gimgha ghadek tikkommetti tant dnubiet?”

“Irrisponditha Fawstina: “ Jekk inti jkollok bitha din tithammeg jekk timxi fuqha tul il-gimgha kollha, imma jasal is-Sibt u tiknisha u tnaddafha u issir bla tebgha. Hekk ukoll meta nersqu lejn il-qrar ruhna jsiru nodfa mill-gdid minghajr tebgha u ma jkollniex ghalfejn ninkwetaw. Gesu’ jiehu hsieb hu.”

Ma kull min kellha kuntatt Swor Fawstina kienet tinterpreta l-inkwiet tal-hajja fi spirtu ta’ fidi hajja u tara t-tjubija ta’ Alla f’kollox. Spiss kienet tghid lis-sorijiet shabha u lil ohrajn dwar l-imhabba ta’ Alla ghal l-umanita’ u fuq il-valur tremend li taghmel dak li hu tajjeb lill-proxxmu . Gurnata wahda waqt li kienet ghaddejja minn quddiem il-kappella. Qalet lil Swor Damiana Ziółek: “ Smajt li Gesu’ qal li fil-jum ta’ l-Ahhar Haqq Huwa jiggudika lin-nies biss fuq il-hniena ghaliex Alla huwa Hniena u allura meta taghmel jew tonqos li taghmel atti ta’ hniena inti tkun qed iggib haqq fuqek innifsek.”

Kif habbrilha Gesu’, ix-xandir tal-Hniena ta’ Alla hija l-ahhar haga ghal l-erwieh biex dawn ma jintilfux u jaqilghu l-mahfra ta’ dnubiethom.

Hafna huma l-erwieh li qed jintilfu minkejja it-tbatija tieghu. *Huwa wkoll il-mezz biex tinzel tghammar il-paci fil-qlub tal-bnedmin u n-nazzjonijiet jghixu aktar f'ghaqda bejnithom. L-umanita' qatt ma hu ser issib paci sakemm ma iddurx lejn il-Hniena tieghi u tafda Fija*.(Djarju 300)

Kellha thejji d-dinja ghat-tieni migja tieghu. *Li Alla hu ħanin bla qies ħadd ma jista' jiċħdu. Jixtieq li kulħadd ikun jaf dan qabel ma jerġa' jiġi bħala Mħallef. Huwa jrid li l-erwieħ isiru jafuh l-ewwel bħala Sultan tal-Ħniena*. (Djarju 378). Hekk kitbet Swor Fawstina fid-djarju taghha.

Is-Sinjura akkumpanjat lil Swor Fawstina u kellmitha fuq il-missjoni profetika. Filghodu, waqt il-meditazzjoni, Swor Fawstina kitbet, " *Fil-25 ta' Marzu, filgħodu waqt il-meditazzjoni, l-preżenza ta' Alla daret miegħi b'mod speċjali, għax rajt il-kobor, li ma tistax tkejlu, ta' Alla, u fl-istess ħin, kif Hu jindenja jitbaxxa lejn il-ħlejjaq Tiegħu. Imbagħad rajt lil Omm Alla, li qaltli: O, kemm togħġob lil Alla dik ir-ruħ li timxi bil-fedelta' fuq l-ispirazzjonijiet tal-grazzja Tiegħu! Jiena tajt il-Feddej lid-dinja; inti għandek tkellem lid-dinja dwar il-ħniena kbira Tiegħu u tħejjiha għat-Tieni Miġja ta' Dak li għad irid jiġi, mhux bħala Salvatur ħanin, imma bħala Mħallef ġust. O, kemm tkun terribli dik il-ġurnata! Il-jum tal-ġustizzja, il-jum tal-korla divina huwa fiss. L-anġli jirtogħdu quddiemu. Kellem lill-erwieħ dwar din il-ħniena kbira sakemm għad hemm żmien li (tingħata) il-ħniena. Jekk inti ma titkellimx issa, inti jkollok twieġeb għal għadd kbir ta' erwieħ f'dak il-jum terribli. Tibża' minn xejn. Ibqa' fidila sal-aħħar. Jiena nisspimatizza miegħek*. (Djarju 635)

Il-misteru tal-Hniena Divina kien ic-centru fil-hajja ta' Swor Fawstina u x-xoghol appostoliku taghha. Fuq talba ta' Gesu u Ommu Marija kellha tghix dan il-messagg billi tirrifletti fuqu f'qalbha u fil-hidma taghha imma kellha turih u xxandru mad-dinja kollha. Kienet responsabilita' li

tissupera il-hiliiet taghha. Wara kollox hija kienet tghix go kunvent u kienet soru semplici li kienet taghmel xoghol umli; ma kelliex opportunita’ li tithallat man-nies u anqas li xxerred il-messagg fid-dinja. Imma Gesu’ qalilha dawn il-kelmiet: *“Fil-Patt il-Qadim Jiena bgħatt il-profeti għand il-bnedmin bis-sajjetti f’idejhom. Illum Jiena qiegħed nibgħatek bil-ħniena Tiegħi għand in-nies tad-dinja kollha.”* (Djarju 1588)

Hija kienet temmen firmament li dak kollu li kien jghidilha Gesu’ kien isehh, ghalkemm kultant ma kienitx tista’ tifhem kif ser isehh. Madanakollu kienet taf li l-kappella tal-kunvent gewwa Łagiewniki fi Krakovja kellha issir santwarju ghall-qima tal-Hniena Divina. Hija stqarret ma’ Swor Bożenna Pniewska li kienet tillamenta li l-kappella kienet biss ghal uzu tas-sorijiet: “Ghad jasal zmien meta il-bibien tal-kunvent jinfethu berah u n-nies tersaq hawn biex jitolbu lill-Hniena Divina.